# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 261/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**George Falzon**

Il-Qorti:

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, George Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 297262M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' April, 2014, ghall-habta ta' bejn id-09:00hrs gewwa BOV fi Triq San Filep, Haz Zebbug: 1) bil-vettura tieghu numru DSN118 tal-ghamla Vauxhall ingombra, ostakola il-Keep Clear tal-imsemmi bank Bank of Valletta bil-konsegwenza li haddiema bil-cash van ma setghux joperaw; 2) aktar talli ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija,

persuna inkarigata skond il-Ligi mis-servizz pubbliku kif ukoll fixkel lil istess Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu; u 3) atkar talli ingurja bi kliem persuna inkarigata mis-servizz pubbliku bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqu fil-qadi ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fit-13 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali peress li tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz hemm lok li minflok il-piena l-Qorti timponi kundizzjonijiet ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma il-liberazzjoni tieghu mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tikkancellaha f'dik il-parti li sabet htija tat-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minnha.

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-appellant kien ipparkja l-vettura tieghu f'area mmarkata "Keep Clear" quddiem bank kummercjali u dahal fl-istess bank biex jiddepozita flus kontanti li kien jehtieg li jghodd flimkien mal-adetti tal-bank. Hames minuti wara intalab mill-Pulizija stazzjonat fil-bank sabiex iressaq il-vettura tieghu ghaliex kien wasal "Cash Van" u ghalhekk kellu jigbor il-flus u johrog mill-bank izda l-"Cash Van" lahaq telaq u l-appellant

rega dahal il-bank. Ghaxar minuti wara gara l-istess u l-appellant hareg biex iressaq il-vettura izda l-ufficjali tal-"Cash Van" nizlu bil-flus minn nofs tat-triq u hallew vetturi warajhom idoqqu il-horn ghaliex it-triq kienet ingombrata. Ghal darb'ohra izda, malli l-appellant rega acceda ghal-vettura tieghu, l-"Cash Van" lahaq telaq u dak il-hin l-ufficjal tal-Pulizija informa lill-appellant li kien ser iharrku. L-ufficjal jghid li l-appellant dar fuqu u insulentah billi qallu "ara vera mickey mouse kollha kemm intom". Quddiem din il-Qorti l-appellant xehed illi mhux minnu li kien fil-parti mmarkata "Keep Clear" izda kien appena fuq il-linja taghha. Meta pparkja hemm, l-ufficjal tal-Pulizija, bhas-soltu, fetahlu l-bieb biex jidhol fil-bank u mat-tieni darba li nizel biex iressaq il-vettura tieghu qal esklama mar-receptionist tal-bank illi kienu gabuh tal-mickey mouse tiela u niezel jghodd il-flus;

L-aggravju tal-appellant huwa li l-Qorti ma setghet qatt issib htija fl-imputat dwar it-tielet akkuza minhabba li fl-ewwel lok kien hemm konflitt fil-provi u fit-tieni lok id-diskors li seta' qal l-appellant, jekk hekk accettat, ma setgha qatt influwixxa lil-ufficcjal tant li kien gia harrek lill-appellant talli pparkja il-vettura tieghu f'post projbit;

Ikkunsidrat inoltre illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni akkuzi. Kwantu t-tielet akkuza tal-ingurja fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku, l-Ewwel Qorti rragunat illi ghad li kien hemm konflitt fil-provi, l-verzjoni tal-ufficcjal kienet korroborata mill-PIRS report. In rigward irid jinghad illi l-provi f'din il-kawza kienu jikkonsistu biss fil-verzjoni tal-ufficcjal tal-Pulizija u dik tal-appellant. *In primis* tajjeb li qabel xejn ikun ribadit dak kostantament ritenut mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal

ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' setnenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Principju daqstant iehor importanti regolanti l-appell in mertu hu li *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrjan). Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti strahet fuq il-PIRS li huwa rapport maghmul mill-istess ufficjal li hassu hekk ingurjat bil-kumment allegatament dirett lejh mill-appellant;

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet htija fl-appellant tenut kont li l-ispjega offerta mill-appellant hija wahda plawsibbli u l-keffa tal-mizien ma kellhiex tixxaqleb b'uzu ta' rapport registrat mill-istess ufficjal li hassu hekk ingurjat.

Ghal dawn il-motivi qed tilqa' l-appell interpost u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tirrevokaha kwantu sabitu hati tat-tielet akkuza u minflok qed tilliberah minn kull htija u piena.